MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1845/1999/1

***L-Avukat Dottor Aaron M.Bugeja bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Island Oil Limited ta' Cipru***
***vs***
***M.V. Evridika vapur registrat that il-bandiera ta' Malta bin-numru ufficjali 4725 u s-socjeta' Kastor Navigation Limited u b' digriet tal-Qorti tal-5 ta' April 2000 gew nominati Dr.Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lil-istess; u b' digriet tal-10 ta' Settembru 1999 gew nominati Dr.Renzo Porsella Flores u l-PL.Madeline Firman bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' assenti Esami Group (Cyprus) Limited, flimkien u in solidum bejniethom.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine, wara li **ppremetta**: illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta

rapprezentata mill-attur nomine fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf disa mija u disgha u disghin dollaru Amerikan u hamsa u hamsin cent Amerikan (US$22,999.55) ekwivalenti ghal cirka disat elef, mija u sitta u ghixrin liri Maltin u tmenin centezmu (LM9,126.80) rapprezentanti l-prezz ta' zejt (bunkering) u provizjon ta' l-istess zejt, liema zejt u provizjoni kien gie mixtri mill-konvenuti u debitament konsenjati u rez lill-konvenuti minghand l-attur nomine u dan skond ftehim illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa markata dokument ittra 'A'; illi ghalkemm mitluba diversi drabi sabiex ihallsu skond l-istatement of account debitament notifikat lilhom u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa markata dokument ittra 'B', il-konvenuti baqghu inadempjenti;

**Talbu** li l-konvenuti ighidu ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti huma debituri fil-konfront ta' l-attur nomine fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa mija u disgha u disghin dollaru Amerikan u hamsa u hamsin cent Amerikan (US$22,999.55) ekwivalenti ghal cirka disat elef, mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tmenin centezmu (LM9.126.80) reappresentanti l-prezz ta' zejt (bunkering) u provizjon ta' l-istess zejt;
2. tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-atturi nomine s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf disa mija u disgha u disghin dollaru Amerikan u hamsa u hamsin cent Amerikan (US$22,999.55) ekwivalenti ghal cirka disat elef, mija u sitta u ghoxrin liri Maltin u tmenin centezmu (LM9126.80) hawn fuq imsemmija u doguta kif intqal aktar 'il fuq.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment datat 06 ta' Awwissu 1999 kontra l-konvenuti li r-rapprezentanti taghhom huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr.Renzo Porsella Flores u l-P.L.Madeleine Firman li permezz taghha eccepew:

1. illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirrizervaw minn issa d-dritt illi jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet fil-mertu wara li jkunu saru d-debiti verifiki u accertamenti u wara li jkunu kkommunikaw mas-socjeta' estera Esmi Group (Cyprus) Limited. (Fol.35);

Rat it-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr.Beppe Fenech Adami u l-PL. Veronica Rossignaud li permezz taghha eccepew:

1. illi huma gew nnominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-vapur MV Evridika u s-socjeta Kastor Navigation Limited;
2. illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza;
3. illi huma jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta huma jkunu nghataw informazzjoni ulterjuri dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Rat it-dikjarazzjoni guramentata tal-istess konvenuti, u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat

Illi l-kaz odjern jittratta dwar kwantita' ta' zejt ordnat mis-socjeta' konvenuta Esmi Group (Cyprus) limited u kkonsenjat lill-vapur MV Evridika, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti fil-kawza, u kif spjegat mix-xhud Kristosnomos Papasoliu fid-deposizjoni tieghu moghtija quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2001.

Dan spjega kif il-kumpanija attrici matul il-perijodu ta' Gunju kienet forniet lill-vapur MV Evridika, fuq rikjesta tas-

socjeta' Esmi Group (Cyprus) Limited fil-kwalita' taghhom ta' *"managers and charterers"* tal-vapur, ammont ta' zejt kif indikat fil-prospett[1] markat Dok.B anness mal-att tac-citazzjoni, u li l-kontenut tieghu gie konfermat bil-gurament mill-imsemmi xhud. Ix-xhud ikkonferma wkoll li skond l-informazzjoni li ghandu is-socjeta' konvenuta Kastor Navigation Limited hija l-proprjetarja tal-vapur.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-prezz tal-ammonti ta' zejt ordnati u fornuti kif fuq indikat jammonta globalment ghas-somma ta' USD 22999.55. Dan ukoll gie kkonfermat mill-imsemmi Kristosnomos Papasoliu.

Illi l-Qorti tosserva li dawn il-provi li jinsabu konfermati bil-gurament ma gewx kontraddetti mill-konvenuti, u ghalhekk ghandha taccettahom bhala provi sodisfacenti li jirrendu t-talbiet tal-attur sostenibbli. F' dan ir-rigward huwa rilevanti l-insenjament tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Francis sive Frankie Refalo et noe vs Mark Laferla noe***[2] fis-sens li *"Hu car li fejn il-konvenut ikun naqas li juri interess li jiddefendi l-kawza tieghu stess, il-Qorti tkun gustifikata … li taccetta bhala provata t-talbiet attrici jekk dawn jirrizultaw inkontestati minn minn min kellu interess li jikkontestahom."*

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kid dedotti, bl-imghax legali skond il-ligi, u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[1] Fol.9
[2] Vol.LXXXII.II.1227